# X'iġib iċ-ċajt

HRAFA TA' IVO MUSCAT AZZOPARDI

Meta wieħed iħobb jiċċajta mal-ħbieb, ma għandux jieħu għalih meta huwa n-nifsu jidħol ġewwa n-nassa. Hekk ġara lili:

* * *

Fl-uffiċċju fejn naħdem jien—uffiċċju ta' Ditta kbira fejn il-għadd tal-impjegati jaqbeż it-tmenin—xi ħlieqa bejn l-iskrivani ma tonqosx. U li ma kienx hekk, kif tikser dak id-dieq ta' qalb tax-xogħol li jkun ilu għaddej minn taħt idejk, għal snin sħaħ, mingħajr ebda tibdil?

U, ma għandna x'ngħidu xejn, iċ-ċajt aktarx jaqa' fuq dawk li jieħdu għalihom minn xejn; għax meta titħielaq ma' xi ħadd li ma jagħtix widen jew minn fuq jilqgħek b'daħka... iċ-ċajta titlef kull saħħa u tkun bħal ħaġa mejta.

Għalhekk mela kull impjegat ġdid li jidħol, dawk li jħobbu jinbxu jdawru l-kanun għal fuqu, jieħdu l-mira u jisparaw.

Jien, biex ngħid is-sewwa, għax isbaħ mis-sewwa ma hemmx, kont wieħed minn dawn in-nebbiexa u ma kienx jidħol impjegat li ma kienx igħaddi mill-makna tiegħi. Imma issa tbiddilt għal kollox u sejjer ngħidilkom il-għala u taraw li l-ħaqq miegħi.

Xi sentejn ilu deher fid-Dipartiment tal-Kontabbilitá wieħed jismu Joseph Bardużjan—armen—raġel aktarx 'grixti, ta' ftit kliem, li kien igħodd fuq il-ħamsa u erbgħin sena. Wiċċ ġdid li qatt ħadd ma kien ra qabel u, kif għarafna b'ħafna taħbit, għadu kif tgħarras. Għarus ta' 45 sena! Din l-aħbar ġa bdiet toqrosna! Ħafna minna bdew iduru miegħu.... imma għalxejn.

Għedt iżjed 'il fuq li Barduzjan kien ta' ftit kliem, u hekk kien balleċ, għax ħadd ma sata' jeħodlu kelma minn fommu: ħalqu qisu meħjut. Jidħol fl-uffiċċju dejjem fil-ħin, isellem kemm kemm b'rasu lil min isellimlu, jidħol f'imkienu, ma jqumx b'xebgħa swat, u dejjem iħares lejn il-kotba, qishom l-akbar namra tiegħu. F'nofs-in-nhar arah sejjer, bla kliem u bla sliem. Fil-għaxija l-istess storja. L-għada l-istess, u hekk baqa' sejjeri għal xhur sħaħ.

Imma jum fost l-oħrajn rajna bħal bidla f'Bardużjan li tâtna fil-għajn. Lil kull min isellimlu beda jitbissimlu, jersaq lejh u xi kelma 'l hinn u 'l hawn beda jfarfar ukoll. Lil min jistaqsih xi ħaġa, iwieġeb malajr u jagħmel huwa wkoll xi mistoqsija. U, kelma ġġib 'l oħra, sirna nafu li Bardużjan kien hieni għax kien qiegħed jistenna li jasallu.... bebè minn Pariġi.

Dik il-bidla kollha mela kien effett tal-*familja* li kienet sa tikber. U meta xi ħadd kien iqabbadlu l-ħabel, malajrkien jibda jgħid u jredden x'bi ħsiebu jagħmel malli jitwelidlu t-tifel u li kien ġà qata' li jagħmlu avukat.

— Kif, kif ? ? — bdew jistaqsuh ....u jidħku l-ħbieb — Mela irrt ġa taf x'sejjer ikollok ?

—Tifel, żgur li tifel—kien iwieġeb kollu sôd Bardużjan.

Kulħadd qabad jidħak kemm jiflaħ u ħadd ma ħaseb iżjed fuq dik il-biċċa.

* * *

Jum wieħed, jien u sejjer, [filgħodu, l-uffiċċju, niltaqa' ma' Bardużjan li, malli lemaħni, ġie jiġri għal fuqi.

Ħabib, nixtieq inħabbarlek li dak li kont qiegħed nistenna b'tant ħrara, wasal.

—X'inhu? — weġibtu jien b'nofs kurżità.

--Dalgħodu.... f'xi l-ħamsa ... il-bebè wasal !

—Iva ? ?... imma, ma nafx kif qed narak.... jaqaw ?

Bardużjan qagħad jaħsibha ftit, imbagħad :

—Tifel.... tifel.... imma nitolbok.... tgħid lil ħadd għalissa.... biss, kif tasal fl-uffiċċju, għid lid-Direttur li... qiegħed nistenna minn ħin għall-ieħor il-bebè u għalhekk miniex ġej għax-xogħol dal-għodu. Ngħidlek is-sew, ħabib, ma rqadt xejn dal-lejl u nħossni għajjien mejjet... niżżik ħajr ħafna.... saħħa....

U ħallieni bħal erbgħa fost il-ġi'ngħa f'nofs it-trieq.

* * *

Malli wasalt l-uffiċċju tajt l-aħbar lil kulħadd li l-bebè ta' Bardużjan kien.... wasal biex jasal, u ridt nagħmel ċajta lil ħbiebi minn fuq spallejn l-Armen. Għalhekk bdejt inħaqqaq li Bardużjan kien raġel ta' dehen kbir u li, la qa' li kien sejjer ikollu tifel, kien żgur minn fattih. Mur għidilhom li l-bebè kien ġa wasal u li għalhekk jien kont żgur minn kliemi.

Imma malli ftaħt ħalqi, daru għalija qatta blá ħabel. Qaluli minn kollox. Jien taparsi bdejt nisħon, huma saħnu iżjed u spiċċajna b'imħatra, ma' xi għaxra minnhom, għal lira.

Ċajta sabiħa minn fuq spallejn Bardużjan.

Għarraft lid-Direttur kif kien talabni l-Armen u bdejt naħdem, bi tbissima f'fommi, li ħadd ma sata' jifhem. F'xi l-ħdax qomt minn fuq is-siġġu, qbadt it-telefon f'idi u għamilt ta' birruħi qiegħed nitkellem ma' xi ħadd. Sħabi daru kollha miegħi

meta semgħuni nitkellem ma' dak.... li ma kien ħadd....u nifraħlu u niżżilu ħajr għax kien rebbaħni għaxar liri u, bħal miblugħin, baqgħu issummati jħarsu lejja, jarawni naqga' għal imkieni, kollni daħkan, u nwettqilhom li l-imħatra mirbuħa minni għax lil Bardużjan wasallu t-tifel li kien ilu jistenna.

— Bardużjan, ma għandna x'ngħidu xejn, kien raġel ta' dehen kbir! – tennejtilhom bl-akbar serjetà. U sħabi ma wieġbu xejn, xejn.

* * *

L-għada Bardużjan ġie l-uffiċċju u flok li sab ferħ u tifħir, ma ltaqâx ħlief ma' gdiedem, wieħed itwal mill-ieħor. Jien biss fraħtlu, u fraħtlu bil-qalb tassew. U malli semgħu minn fommu n-nifsu t-twettiq tat-twelid ta' tifel, kellhom, kontra ridiethom, idaħħlu idhom fil-but.... u jħallsu.

Mn'Alla li kellna tnejn mix-xahar, għax kieku kien ikolli noqgħod nistenna xahar sħiħ biex indaħħal flusi għax aħna tal-uffiċċju idejna jikluna u qabel ma ntajru kull sold li jkollna f'butna ma noqogħdux bi kwietna; u wara l-ewwel ġimgħa ta' kull xahar, insiru xotti daqs l-għadam.

* * *

Imma ġurnata waħda l-bomba faqqgħet.

Sħabi bil-geddum min-naħa u Bardużjan, ma nafx il-għala bil-geddum min-naħa l-oħra. L-imħatra li kienu tilfu kienet baqgħatilhom bħal għoqda fuq l-istonku u kieku riedu jinfexxu fih u kelma ġġib lill-oħra.... iż-żejt tala' fil-wiċċ.... u sirna nafu li t-tarbija li kienet twieldet ma kenitx tifel iżda tifla. Bardużjan lili kien qalli kelma b'oħra għax staħa minni u minn sħabi. Jien sarrejt is-sogħba u l-għadba ġewwa fija u kelli, bħal ħmar, mhux biss inrodd l-flus li.... li ħsibt li kont irbaħt... imma wkoll noħroġ minn buti għaxar liri jaħarqu nar, għax kif qaluli sħabi u kellhom raġun, l-imħatra kienet saret.

Minn dak il-jum ħlift li ma niċċajta qatt iżjed, u sħabi, maqsumin bid-daħk u ferħanin sejrin itiru, bdew jiżżuħajr lil Bardużjan talli .... xtara tifla flok tifel u qalulu biex la tikber jagħmilha.... avukata.

Lixandra, 10 ta' Diċembru, 1937.